NEWSPAPER POST

# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA



**Edizzjoni Nru. 20**
**Mejju - Ġunju - Lulju, 2009**

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt

## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Charles Schembri*



Iż-żmien għaddej jiġri u diġa' għaddew 8 xhur mill-festa tant għażiża li ċċelebrajna ad unur il-patruna tagħna Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra. Għaddew ukoll il-festi marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir, fejn ilkoll ipparteċipajna fil-qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Fuq l-injizzjattiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti wkoll rajna qawmien ġdid fis-Soċjetà tagħna. Ma nistax ma nagħmilx aċċenn għall-wirja marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa mtella fis-sala Espedito Deguara u r-re-enactment tal-Passjoni fis-Sala Parrokjali bl-isem ta' Consumatum Est. Din hija ħolqa oħra fil-kullana ta' suċċessi miksuba mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti, u ta' dan ħaqqhom kull tifħir. Il-Piccola Banda tal-Banda Santa Katarina V.M. ukoll żejnet din il-wirja b'siltiet strumentali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Mario Testa. Kienet wirja ferm organizzata u hawn nixtieq nirringrazzja lil min ta sehmu sabiex din l-attività setgħet tilħaq il-livell u s-suċċess mixtieq.

Ħajr ukoll lill-bandisti, lis-Surmast Direttur Mro. Mario Testa, l-Assistent Surmast Josef Grech flimkien mas-Sotto Kumitat Banda u l-Arkivista għall-impenn tagħhom fil-Banda Santa Katarina V.M. għall-preparattivi li ħadu għar-recording tal-marċi l-ġodda u l-programm funebri u xejn inqas għall-kunċerti bi preparazzjoni għall-ġita fil-Belt tal-Ungerija Budapest, kif ukoll għall-programm tal-Banda li jsir nhar il-Ħamis fil-Ġimgħa tal-festa tal-Patruna tagħna. L-istedina għall-Banda Santa Katarina V.M. fl-Ungerija għandha tkompli bis-sħiħ tkabbar l-isem glorjuż tal-Banda tagħna li għas-sitt darba ser toħroġ iddoqq barra minn xtutna. Dan ikompli jawgura tajjeb lill-Banda Santa Katarina V.M. u huwa ta' unur kbir li s-servizzi tal-Banda ser isiru fl-iżjed postijiet prominenti u frekwentati mit-turisti li jżuru din il-Belt reġina tad-Danubju. Dan huwa rigal ukoll lill-Banda Santa Katarina V.M. fl-okkażjoni tal-145 sena mit-twaqqif tal-Banda tant għażiża tagħna, u għandna nkunu ferm kburin aħna l-membri u partitarji, speċjalment il-grupp kollu li ser jakkompanja l-Banda f'din il-ġita kommemorattiva u bi programm tant sabiħ.

Bħalissa l-magna tas-Soċjetà tagħna għaddejja fl-aqwa tagħha b'xogħlijiet u attivitajjiet oħra wkoll. Il-preparattivi għat-Tieġ Malti fl-Imgħoddi huma fil-qofol tagħhom, ħajr għas-Sotto Kumitat Kultura li wkoll qed jaħdem bis-sħiħ sabiex il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħna l-Maltin ma jintilfux. Huwa xi ħaġa ta' min jinkoraġġiha għaliex b'hekk ma jintilifx il-wirt patrimonjali li ħallewna missirijietna u li bih hija mibnija u msawra l-identità tagħna l-Maltin, u ta' pajjiżna. U hemm bżonn ħafna li nibżgħu għal dan il-wirt u tradizzjonijiet kulturali oħra marbuta mal-identità tagħna, fuq kollox mar-reliġjon li aħna ngħożżu, li aħna nħaddnu. Għaliex, mingħajr ma nkun razzist, kif tafu intom, bil-firxa ta' nies barranin li qed jiġu fostna, ma jimportahomx minn dan il-wirt u tradizzjonijiet li aħna l-Maltin ngħożżu u nħaddnu. Għaldaqstant nixtieq nappella lill-Awtoritajiet konċernati speċjalment lill-Kunsilli Lokali, sabiex ikunu ta' sostenn u jinkoraġixxu li jibqgħu isiru dawn l-attivitajiet ħalli b'hekk dan il-wirt jibqa' għaddej minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Prosit u grazzi wkoll lis-Sezzjoni Nar fi ħdan is-Soċjetà għar-riżultat miksub fil-Festival tan-Nar ta' l-Art 2009 fejn ksibna l-ewwel post fil-votazzjoni mill-pubbliku, b'numru rekord ta' voti – 2665 vot. Dan kollu grazzi għal dawk il-membri kollha li taw ħinhom sabiex jaħdmu dawk l-irdieden meraviljużi li ġabulna unur kbir. Kieku ma jkunux nies dedikati bħal dawn, kieku ma nistgħux ingawdu l-ispettaklu piroteknku li joffrulna ta' kull sena. J'Alla l-Mulej u Santa Katarina jżommu jdejhom fuqkom u jipproteġukom sabiex tkomplu tferrħuna u tiksbu suċċess wara ieħor.

Inkun nonqos jekk ma nsemmix lis-Sotto Kumitati l-oħra li wkoll għaddejjin b'ħidma kbira u bi preparazzjonijiet għall-festa tal-Patruna tagħna, u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom fix-xogħol kollu li sar sabiex ikollna post adekwat għar-Radju Santa Katarina. Inħoss li għandna nuru l-gratitudni u l-apprezzament tagħna lkoll lejn dawn in-nies li bla heda ta' xejn iqattgħu granet sħaħ jaħdmu u jirsistu sabiex joħroġ dak li aħna lkoll nixtiequ lis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. u kif ukoll fil-festa Titulari tal-Qaddisa Patruna tagħna Santa Katarina Verġni u Martri. Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Kumitat Ċentrali li fuq kollox irridu li nkunu aħna li qiegħdin fit-tmexxija li naraw u nirsistu sabiex is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina Verġni u Martri tkompli tiffjorixxi u jitkabbar l-isem tagħha kemm fil-Gżejjer Maltin kif ukoll barra minn xtutna. Nirringrazzja lilkom ilkoll u lill-benefatturi li dejjem tkunu ta' sostenn u fuq kollox ta' nkoraġġiment sabiex inkomplu ntellgħu diversi attivitajiet. Grazzi.



# Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

***(Dettalji fis-Sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)***

| | | |
|---|---|---|
| 08/05/2009 | 7.30pm | High Tea ġewwa l-Każin mas-Sezzjoni Nisa |
| 09/05/2009 | 7.45pm | Serata Muziko Letterarja 'Surmast ta' Unur' ġewwa l-Każin. |
| 14/05/2009 | 7.00 p.m. | Taħdita minn membru tal-MUSEUM ġol-Każin. |
| 16/05/2009 | 8.00pm | Ikla ġewwa l-Każin mas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. |
| 23/05/2009 | 8.00 p.m. | Country Night - Sotto Kumitat Nar. |
| 24/05/2009 | 8.00pm | Banana Power - Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti |
| 27/05/2009 | | Coffee Morning mas-Sezzjoni Nisa |
| 29/05/2009 | | Il-Banda Santa Katarina mistiena mill-Kunsill biex tagħmel marċ madwar iż-Żurrieq fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq bejn it-8.00 p.m. u l-10.00 p.m. |
| 30/05/2009 | filgħaxija | Tieġ Malti fl-Imgħoddi mat-Toroq taż-Żurrieq mas-Sotto Kumitat Kultura. |
| 07/06/2009 | 8.00pm | Banana Power - Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti |
| 12/06/2009 | 7.30pm | High Tea ġewwa l-Każin mas-Sezzjoni Nisa |
| 15/06/2009 | 8.30pm | Il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ ġewwa ż-Żejtun. |
| 20/06/2009 | | Ġurnata Captain Morgan Cruise mas-Sotto Kumitat Armar. |
| 26/06/2009 | 7.30pm | High Tea ġewwa l-Każin mas-Sezzjoni Nisa |
| 27/06/2009 | 8.00 pm | BBQ kbir ġewwa l-pjazza ta' Bubaqra mas-Sottokumitati Nar u Armar |
| 01/07/2009 | 8.30pm | Il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ ġewwa Tas-Sliema. |
| 03/07/2009 | 8.30pm | Il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ ġewwa Ħal Luqa. |
| 10/07/2009 | 9.00pm | Il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ ġewwa Ħal Kirkop. |
| 12/19/07/2009 | | Is-Sitt Safra tal-Banda Santa Katarina V.M. – mistiedna ġewwa l-Ungerija. |
| 27/07/2009 | | Ġurnata Splash and Fun mas-Sotto Kumitat Armar. |


## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Gatt Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Cassar Karl | Website Designer |
| Camilleri Moses | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Kumitat Ċentrali |
| Farrugia Catherine | Reppreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Sammut Faustina | Rappreżentanta Kumitat Kultura |
| Schembri Alan | Rappreżentant Sezzjoni Nar |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |
| Schembri Kevin | Rappreżentant RSK 90.6 F.M. |


## EDITORJAL

Iż-żmien għaddej ġmielu u l-ġranet tant mistennijin tas-Sajf għoddhom magħna. Ma nistax nemmen li din l-edizzjoni qed tissiġilla l-ħames snin anniversarju minn meta bdiet tiġi ppubblikata din in-newsletter. Grazzi kbira lil kull min ta l-għajnuna tiegħu sabiex din tibqa' tiġi ppubblikata fuq livell hekk għoli sal-lum il-ġurnata, speċjalment lil kull min xi darba jew oħra kien jagħmel parti mill-Bord Editorjali.

Ma nistax ma nawgurax kull suċċess lill-Banda Santa Katarina V.M. għas-sitt safra tagħha, din id-darba ġewwa l-Ungerija. Persważa li ser naqtgħu figura mill-aqwa bħal dejjem u nġibu unur ieħor fir-raħal tant għażiż għalina ż-Żurrieq.

Nagħti prosit u grazzi mill-qalb ukoll lis-St.Catherine Fireworks Factory għall-impenn u l-ħeġġa kbira li wrew fil-Festival tan-Nar ta' l-Art. Awguri lis-Sotto Kumitati kollha fi ħdan is-Soċjetà għax-xogħol b'risq il-festa tal-Patruna Żurriqija li bħal daż-żminijiet jibda' jingħaqad sabiex bħal dejjem noffru spettaklu mill-aqwa li jagħti unur u ġieħ lil Santa Katarina V.M.

F'isem il-Bord Editorjali nixtieq inħeġġiġkom tattendu għall-attivitajiet kollha li għandna ppreparati għalikom sabiex bħal dejjem tagħtuna s-sapport tagħkom f'dak kollu li nagħmlu. Grazzi tal-appoġġ.

Qabel nagħlaq dawn il-kelmtejn, infakkarkom li kull min jixtieq kopji żejda tal-gazzetta, kif ukoll kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta jew jixtieq jgħaddilna xi ritratti, suġġerimenti jew artikli ta' nteress, jikkuntatjana. Ibagħtu l-ittri tagħkom hekk: L-Editur, Sancta Catharina Zurricanorum Patrona, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq. Tistgħu ukoll tikkuntattjawna permezz tal-email fuq info@stcathrerineband.org.mt

LORNA DARMANIN - **EDITRIĊI**

## APPELL LILL-FRATELLI TAS-S.S.MU SAGRAMENT U L-QALB TA' ĠESÙ.

**Inħeġġu lill-Fratelli tas-SS.mu. Sagrament u l-Qalb ta' Ġesù biex jattendu għal dawn il-purċissjonijiet:**

- **Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2009 fin-Nigret fis-6.30pm.**
- **Il-Ħadd 14 ta' Ġunju 2009 festa ta' Corpus Christi fis-6.30pm.**
- **Il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2009 festa tal-Qalb ta' Ġesù fis-7.15pm.**



## Sotto Kumitat Armar - *Moses Camilleri - Viċi Chairman*

Għeżież naghtikom merħba.

Il-festi tal-Għid għadhom kif għaddew u għalhekk issa bdejna żmien importanti fejn ħafna xogħol li jkun beda, jibda jiġi finalizzat.

Tkompla t-tindif u l-manutenzjoni tal-armar fl-imħażen tagħna fejn dan ix-xogħol huwa kontinwu u ma jieqaf qatt. Tkompla wkoll il-proġett tat-trofej il-ġdid kemm f'dik li hija karpenterija, skultura, statwi u xogħol ta' bronż. Qiegħed jinħadem pedestall ġdid ieħor li ser jintrama fi Pjazza Mattia Preti. Qed isir ukoll xogħol ta' ħjata ta' pavljuni ġodda fuq disinn tas-Sur Jeremy Cachia. Dan ix-xogħol kollu qed isir grazzi għall-ħidma kontinwa u volontarja ta' diversi nies li minn qalbi nsellmilhom u nirrangrazjahom. Hawnhekk nixtieq nitlob l-għajnuna tagħkom ħalli kemm jista' jkun innaqqsu l-ħsara li ssir fuq l-armar matul il-ġranet tal-festa. Tara nies iserrħu saqajhom mal-armar jew inkella tfal joborxu ż-żebgħa. Dawn l-affarijiet għandna ma nħalluhomx iseħħu billi nkunu ta' eżempju għal ħaddieħor.

**Attivitajiet għal matul it-tliet xhur li ġejjin għandna:**

- 20 ta' Ġunju – ġurnata bil-vapur mal-Captain Morgan- ikel inkluż.
- 27 ta' Lulju - Ġurnata Splash and Fun u wara ikla fl-istess post.
- BBQ Kbir fis-27 ta' Ġunju flimkien mas-Sotto Kumitat tan-Nar.
- Lotterija bieb bieb ta' kwadru kbir tat-Titular li mbagħad jitla' fil-ġranet tal-festa.
- Skema ta' ġbir għall-proġett tat-Trofej il-ġdid fejn kull kaxxa tiswa €50.
- Bandieri bil-pittura għall-bejgħ €35
- Tubi ħomor taż-żewġ taż-żewġ piedi għall-bejgħ.

Ngħalaq dawn il-kelmtejn billi ngħid prosit u grazzi lis-Sezzjoni Nar għall-unur li għamlulna fil-Festival tan-Nar ta' l-Art, u nawgura kull suċċess lill-Banda tagħna għall-istedina li għandha ġewwa l-Ungerija, ħalli bħaLl-passat terġa' tikseb l-ogħla unuri għas-Soċjetà għażiża tagħna.

Viva s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.

## Rokna tan-Nisa - *Catherine Farrugia*



Għeżież membri,

Għaddew tliet xhur oħra u nixtieq nibda billi nawgura f'ismi u f'isem sħabi lis-Sezzjoni tan-Nar tal-unur li kisbu fil-Festival tan-Nar tal-Art. Nawgurawlkom għal aktar suċċessi fix-xogħol tagħkom. Din is-sena fi ħsiebna nagħmlu gradenza għas-sala tas-salott biex nerfgħu il-purtieri fiha. Qed isir ħafna xogħol minn diversi membri, u għaldaqstant l-appoġġ finanzjarju tagħkom huwa ta' sostenn enormi għalina s-Sezzjoni Nisa, li ta' kull sena naħdmu bis-shih għal Festa akbar u isbaħ lill-Patruna tagħna Santa Katarina V.M.



**Dawn huma l-attivitajiet għal dawn it-tliet xhur li ġejjin:**

- Il-Ġimgħa 8 ta' Mejju fis-7:30pm High Tea il-każin fl-okkażjoni tal-Mother's Day
- L-Erbgħa 27 ta' Mejju Coffee Morning f'Ta' Roberta Restaurant, Pieta' (dettalji aktar 'il quddiem)
- Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju High Tea il-Każin fis-7:30pm
- Il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju High Tea il-Każin fis-7:30pm

Nisperaw li tikkonkorru bħas-soltu, u nirringrazzjawkom bil-quddiem tas-sapport tagħkom. GRAZZI.

*Iż-żewġ ritratti juru ħarġa ta' ġurnata mas-Sezzjoni Nisa li saret nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu 2009.*

**www.stcatherineband.org.mt**
**IS-SIT UFFIĊJALI TAS-SOĊJETÀ MGHAMMAR B'RITRATTI U NFORMAZZJONI AĠĠORNATA KULJUM**

RSK 90.6 RADJU SANTA KATARINA 90.6 FM
SEGWU L-EWWEL U L-AQWA RADJU TAL-KOMUNITA' ĠEWWA Ż-ŻURRIEQ
**RADJU SANTA KATARINA FUQ 90.6 FM**
BI SKEDA VARJATA GĦALL-GOSTI TA' KULĦADD

## Kelmtejn mis-Sezzjoni Nar *- Alan Schembri - Kaxxier*

Insellmilkom għal darb'oħra, lilkom qarrejja ta' din il-gazzetta u ammiraturi tas-Soċjetà Mużikali Sta.Katarina V.M., sabiex naqsam ftit ħsibijiet magħkom f'dak li jirrigwarda lis-Sezzjoni dilettanti tan-Nar.

Minn hawnhekk nixtieq nasal għall-punt ewlieni li xtaqt naqsam magħkom din id-darba. Il-Festa tal-2009 fejn jirrigwarda l-piroteknika se tkun waħda differenti mis-soltu. Dan għaliex in-nar fil-festa li ġejja se jkun wieħed limitat ħafna. Dan żgur m'huwiex it-tort ta' kull wieħed li jiffrekwenta l-post tan-Nar tagħna iżda minħabba ċertu dewmien bla bżonn u deċiżjonijiet indeċiżi tal-awtoritajiet ta' pajjiżna. Il-problema kienet li sal-aħħar t'April 2009 l-awtoritajiet kienu għadhom ma ddeċidewx jekk japprovawx li jinxtara ċertu materjal biex jinħadem in-nar. Nispera li kulħadd jifhem din is-sitwazzjoni li żgur ma kellniex kontroll fuqha. Jekk kemm-il darba l-affarijiet jitranġaw, xorta ma jistax isir aktar nar sal-festa minn dak li hu pjanat minħabba li issa daħal iż-żmien u fit-temp sajfi li ġej żgur li ċertu xogħol ma jistax isir għax ikun ta' periklu.

Min-naħa l-oħra, qatt ma ħarisna lura u dan jixhdu s-suċċess li kisbet din is-sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà tagħna nhar il-25 t'April 2009 bis-sehem ta' żewġ irdieden fil-Festival tan-Nar tal-Art ġewwa l-Furjana fejn ksibna l-Ewwel Post tal-opinjoni pubblika.

Aħna min-naħa tagħna xorta bqajna għaddejjin bl-attivitajiet u fund raising għaliex l-ispejjeż xorta saru u se nibqgħu nagħmlu dan anke fiż-żmien li ġej. Għalhekk inkompli nħeġġiġkom sabiex kif għamiltu dejjem fiż-żmien li għadda, tkomplu tkunu ġenerużi, u ta' dan nirringrazzjakom bil-quddiem. Aktar minn hekk aħna xorta se nibqgħu norganizzaw attivitajiet sabiex nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li għamilna. Inħeġġiġkom sabiex kemm jista' jkun tattendu għal dawn l-attivitajiet billi ssegwu r-riklami fuq Radju Sta. Katarina kif ukoll minn fuq il-WebSite tas-Soċjetà tagħna **www.stcatherineband.org.mt** .

Jien nixtieq nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nitlobkom tagħtuna kull sapport possibli ħalli nkunu nistgħu negħlbu kull mewġ li naffaċjaw. Grazzi mill-Qalb.




## Radju Santa Katarina *- Kevin Schembri - Segretarju Sotto Kumitat RSK*

Għeżież soċji u partitarji,

Nixtieq niftaħ dan il-messaġġ tiegħi billi f'isem ic-Chairman u s-Sotto Kumitat Radju Santa Katarina nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu li intom qed tagħtu lil dan l-istazzjon. Fl-istess ħin huwa obbligu tiegħi li aħna nwasslulkom rapport dwar x'inhu għaddej bħal issa f'dan il-proġett hekk ambizzjuż.



L-ewwel ħaġa nixtieq ngħarrafkom illi l-bini tal-istudios kompla għaddej anke matul dawn l-aħħar xhur. Issa l-istudios għandhom il-madum, twaħħlu l-gypsum boards, sar ir-rockwool kif ukoll twaħħlu t-twieqi tal-aluminium. Hawn nixtieq naħtaf l-okkażjoni sabiex f'isem is-Sotto Kumitat Radju Santa Katarina nirringrazzja lil dawk il-benefatturi li forsi min bid-donazzjonijiet tiegħu u min bix-xogħol volontarju tiegħu għen sabiex seta' jkompli għaddej dan ix-xogħol.

F'dak li jirrigwarda x-xandir, qed inkomplu nagħmlu ħilitna kollha sabiex dan ir-Radju jkun jista' jservi ta' Radju għal Komunita' kollha taż-Żurrieq kif ukoll sabiex iservi ta' mera għat-tajjeb kollu li wieħed isib fil-festi Maltin. Barra minn dan, issa la qegħdin resqin aktar lejn iż-żmien tas-Sajf, hemm il-ħsieb li tinbidel kemmxejn l-iskeda, fejn forsi xi programmi jieħdu ftit ta' mistrieħ għal dawn iż-żminijet u fejn jistgħu jiġu nklużi programmi oħra adattati għal dawn iż-żminijiet Sajfin. Nafu wkoll illi f'dawn iż-żminijet huma bosta ż-żgħażagħ u persuni oħra li jkollhom aktar ħin liberu miż-żmien tax-Xitwa. Għaldaqstant, minn hawn nixtieq inħeġġeġ sabiex min jixtieq itella' xi tip ta' programm jew inkella jixtieq joffri xi tip ta' għajnuna (anke jekk din tkun limitata għaż-żmien tas-Sajf biss) għandu javviċina lil xi ħadd mis-Sotto Kumitat Radju Santa Katarina. It-twemmin tagħna huwa li aktar kemm it-tim ta' Radju Santa Katarina ikun tim kbir, aktar inkunu nistgħu nippreżentaw lil dan ir-Radju bħala Radju professjonali għas-servizz taż-Żrieraq kollha b'mod speċjali għas-servizz tas-Soċji u Partitarji tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M.



# Għalikom it-Tfal - *Anna Maria*



Kif intom? Ġimgħa wara ġimgħa, ż-żmien qed jgħaddi bla jistenna u diġa' qed noqorbu għas-sajf. Staġun mimli vaganzi kif ukoll preparamenti għall-festa titulari ta' Santa Katarina V.M.

Għal dan ix-xahar se nerġa' nkellimkom dwar beata li wkoll iġġib l-isem ta' Katarina. Issa ilna għal ħafna edizzjonijiet nitkellmu dwar dawn il-qaddisin u beati, li mhux biss ġarrew l-isem tal-qaddisa patruna tagħna imma wkoll għexu fuq l-eżempju tagħha u tal-għarus tagħha Ġesù.

Il-Beata Caterina Volpicelli twieldet f'Napli l-Italja fl-1839 f'familja tat-tajjeb. Il-familja tagħha kienet familja eżemplari ħafna. Meta kienet żagħżugħa hi kienet tħobb ħafna t-tejatru u l-ballet u kienet tipprova tgħix bħal oħtha li kienet tfajla li tħobb toħroġ u tiddeverti. Iżda l-Ispirtu s-Santu kellu pjanijiet oħra għal Caterina u din għażlet il-ħajja vokazzjonali u reliġjuża.

Is-sejħa waslet grazzi għal-laqgħa li hi kellha mal-Beatu Ludovico minn Casoria u li ntroduċiha ma' Ordni Franġiskan. Hi kellha devozzjoni kbira għall-Qalb ta' Ġesù. Hi kienet dejjem tgħid li trid tkun 'sajjieda tal-bnedmin' u li xogħolha kien li 'twassal lil Ġesù fil-qlub tal-bnedmin, fil-familji u fis-soċjetà.

Minħabba saħħitha, li kienet bdiet tiddgħajjef, Caterina kellha titlaq l-Ordni Franġiskan iżda mill-ewwel skopriet l-Appostolat tat-Talb, soċjetà Franċiża li kienet iżżomm l-adorazzjoni tas-Sagrament bħala ċ-ċentru ta' l-attivita' u l-appostolat, jiġifieri l-ħidma fost in-nies. Hi waqqfet soċjetà simili fl-Italja u kienet tgħaddi s-sigħat quddiem l-Ewkaristija, soċjetà li kienet approvata mill-Papa Ljun XIII. Il-ħidma tagħha kienet tikkonsisti ukoll billi fetħet ħafna djar għat-tfal madwar Napli. F'kitbiet tagħha hi tgħid li l-ferħ li ħasset waqt il-Kungress Ewkaristiku ta' l-1891 kien xi ħaġa li ma tistax tiddeskrivih. Caterina mietet f'Diċembru ta' l-1894.

X'tgħallimna din il-Beata? Nitgħallmu li bħal Santa Katarina, Ġesù għandu jkun fiċ-ċentru tal-ħajja tagħna u għandna nippruvaw insibu ħin kuljum, imqar għaxar minuti, li mmorru nżuruh fit-tabernaklu. Min jaf kemm xtaqu l-ewwel insara, bħal Santa Katarina, li jkunu jistgħu jmorru jaduraw lil Ġesù Ewkaristija kull x'ħin riedu!

Bħas-soltu għandna għalikom kompetizzjoni żgħira. Żewġ mistoqsijiet fuq il-belt Napli li nixtieqkom tfittxu ftit biex tirrispondhuhom:

1. Mil-liema reġjun ta' l-Italja tagħmel parti Napli? (Abruzzo, Piemonte, Campania)
2. X'jisimha l-gżira żgħira li hemm ħdejn Napli u li tiġbed lejha ħafna turisti? (Sqallija, Capri, Kreta)

**Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom fl-indirizz Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M., Kompetizzjoni Għalina t-Tfal, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq.**

**Ir-rebbieħa ta' edizzjoni 19 huma Katya Ann West, Ben John Cassar u Matthew Lia Bonanno. Prosit tfal. Nikkuntatjawkom aħna biex tiġbru r-rigal.**

**IL-MULEJ SEJĦILHA BIEX TIDĦOL FIL-FERĦ MA' SANTA KATARINA V.M. GĦAL DEJJEM**

Il-Membru Angela Camilleri — 23 ta' Frar 2009

*Agħtiha O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*





**Album ta' kanzunetti, produzzjoni tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti, bil-mużika ta' Mark Tonna, interpretati mill-kantanti Chrystal Buġeja, Diane Cachia, Marthese Tanti u l-istess Mark Tonna.**

**Dan l-Album jinkludi wkoll il-kanzunetta u DVD "Int Patruna" interpretata minn Eleonor Cassar u Glen Vella li s-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti taż-Żurrieq u s-Sezzjoni Partitarji Belandisti taż-Żejtun niedew bħala simbolu tal-għaqda li teżisti bejniethom f'isem il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. ta' Lixandra.**

**Dan l-album jista' jinxtara mill-Bar tal-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. jew mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.**



# Nota Amministrattiva *- mis-Segretarju, is-Sur Joseph Darmanin*

Għeżież membri u partitarji, issa li Mejju diġa qiegħed magħna jibda jidħol bla ma jrid dak l-ispirtu tal-festa. Dan iġib miegħu ħafna preparazzjoni, konsultazzjoni, kordinazzjoni u organizzazjoni li bla ma trid toħloq xi ftit tensjoni wkoll biex kollox joħroġ kif mixtieq u ppjanat. Ikun għalhekk li ħafna xogħol, li ħafna minnu lanqas biss timmaġina li jeżisti, ikun qed isir minn diversi nies biex ir-ritmu mgħaġġel li tkun għaddejja bih is-Soċjetà jibqa' miexi kemm jista' jkun bla problemi.

F'dawn is-sentejn li ilni bħala Segretarju fis-Soċjetà sar tibdil kbir, uħud ippjanati iżda oħrajn ġew fuqna bla ma qatt konna nistennew. Is-Surmast Francis Falzon ( li propju nhar id-9 ta' Mejju ser jingħata tislima mistħoqqa waqt is-SERATA MUŻIKO LETTERARJA ddedikata għalih, organizzata mis-Sezzjoni Żagħżagħ) ħasad lil kulħadd; iżda għall-grazzja t'Alla erġajna qbadna r-ritmu, grazzi lil ħafna nies fosthom is-Surmast Direttur Mario Testa, l-Assistent Josef Grech, is-Sotto Kumitat Banda u l-Bandisti kollha. L-istedin numeruż li għandha l-Banda tagħna għal din is-sena, kif ukoll il-performance li qed nagħtu, u n-numru sabiħ ta' Bandisti u allievi żgur li jixhed dan. Iżda aktar minn hekk il-Banda Santa Katarina V.M. din is-sena saritilha stedina uffiċjali min Dar tal-Mużika ġewwa l-Ungerija, fejn bi pjaċir u għax nemmnu fil-kwalita' tal-Banda tagħna, aċċettajna mill-ewwel u bdejna naħdmu fuq dan il-proġett ferm ambizzjuż u ta' unur kbir għas-Soċjetà. Il-ġita ser tkun bejn il-11 u d-19 ta' Lulju 2009. Meravilja kbira li l-Ajruplan Charter imlejnieh propju qabel ma bdejna r-reklamar. Filwaqt li nirringrazzja lil dawk kollha li ġejjin għal din il-ġita, niskuża ruħi ma' dawk li xtaqu jiġu iżda ma laħqux post.

Mewġa oħra li s-Soċjetà sabet ruħa fiha hija f'dak li jirrigwarda n-Nar. Wara l-aċċident ikrah li kellna f'Novembru 2007 il-problemi ma qatgħu qatt. Sibna ħafna tfixkil mill-awtorita' fejn dina s-sena twaqqfilna wkoll il-permess għax-xiri ta' Materjal. Saru ħafna diskussjonijiet mal-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż, anke permezz ta' interventi min-nies professjonali f'dak li tirrigwarda l-liġi, pero' donnu ħadd ma ried jieħu deċiżjoni u jieħu r-responsabbilita'. Inkitbu ittri sew lill-Kummissarju tal-Puluzija kif ukoll lill-Ministru kkonċernat u bqajna bla risposta.

Saru diskussjonijiet interni fis-Soċjeta' fejn anke wasalna għad-deċiżjoni li jinbidel il-Licencée. Wara diversi nterventi dan irnexxa, u l-problema issa tidher qed tiċċara iktar. Minkejja dan kollu, il-Benjamini tagħna li dejjem paxxewna bix-xogħol tagħhom, baqgħu kalmi, ikkontibwew fid-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet kollha u mhux hekk biss, f'dawn il-problemi kollha rnexxielhom jikkompetu u ġabu unur. Hawn hi l-qalb kbira ta'dawn in-nies, u l-qalb ikbar tagħkom il-partitarji li malli tlabniekom is-sapport tajtuh bi ħġarkom, u wrejna lil kulħadd il-kobor veru ta' din is-Soċjetà. U kien propju l-għada tar-rebħ ta' dan l-unur — L-EWWEL POST MILL-OPINJONI TAL-PUBBLIKU fil-Festival tan-Nar tal-Art Mekkanizzat b'2665 vot, kważi 2000 iktar mit-tieni post, li waslet l-aħbar li t-trasferiment tal-Post tan-Nar Santa Katarina V.M ġie aċċettat u issa nistgħu nibdew inġibu l-Materjal għax-xogħol piroTekniku. Dina s-sena se nsofru ftit oħra billi mhux ħa nkunu nistgħu ngawdu dak ix-xogħol meraviljuż li dejjem kellna fis-snin li għaddew; li hu żgur li fis-sitwazzjoni li kellna din is-sena sar dak kollu possibli biex ikollna xi ftit Nar biex jikkomplimenta il-funzjonijiet reliġjużi. Pero' taqtgħux qalbkom għeżież partitarji, għaliex aħna dejjem urejna li aħna baħrin tal-Maltemp, u din il-mewġa naqbżuha wkoll. Grazzi Vincent Falzon għaż-żmien li għamilt bħala Licencée u għall-imħabba sinċiera li għandek lejn il-festa; Grazzi Joseph Sammut il-Licencée l-ġdid li erġajt tajtna spalla meta ġejna fil-bżonn. Prosit ukoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor tajtu l-għajnuna tagħkom f'din il-kwistjoni.

Barra dawn is-Soċjetà baqgħet għaddejja fuq ħafna xogħol ieħor, fosthom ix-xogħol fuq ir-radio, sew il-lat tekniku kif ukoll mil-lat ta' kostruzzjoni tal-istudios. Issa ġiet deċiża wkoll il-materja dwar il-generator, fejn wara pariri professjonali inbiegħ il-generator preżenti u nxtara ieħor ġdid iktar adattat. La jiġi l-permess dan ikun jista' jitla' f'postu wkoll. Ix-xogħol ta' maintenance ma waqafx u qed isir ħafna xogħol ieħor, inkluż fil-kamra tal-kumitat, kamra tad-drapp u s-Sala tal-Kunċerti, Sala tal-Bar u t-taraġ ta' ġewwa. Grazzi kbira lil sħabi tal-Kumitat, għax l-impenn hu kbir ħafna. Grazzi lis-Sotto Kumitati – il-kolonni tas-Soċjetà. Grazzi intom il-membri għax dejjem insibukom warajna, grazzi tal-ġabra f'April u nerġgħu narawkom fis-26 ta' Lulju.

Min għadu ma ħallasx il-menswalita' jieħu ħsieb ta' dan; tiswa 10 u jekk forsi qed taqra u m'intix membru u tixtieq tingħaqad, toqgħodx taħsibha. Kun int ukoll €kburi li inti membru f'din l-akbar Soċjetà fiż-Żurrieq .

Ejjew ħuti palmisti ħalli nagħtu l-aħħar spinta ta' xogħol bi preparazzjoni għall-Festa tal-għażiża PATRUNA TAGĦNA SANTA KATARINA V.M.

**VIVA SANTA KATARINA V.M. U GRAZZI MILL-QALB LIL KULĦADD.**

**BANANA POWER**

Sunday 24th. May '09 & Sunday 7th. June '09

*St. Catherine Band Club, Zurrieq*

**Same Event – Same Line-up – Same Joy!**



**Tagħlim u Lezzjonijiet tal-Banda**

Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.30a.m. – Assistent Surmast Josef Grech - Sezzjoni Injam.
Kull nhar ta' Tlieta mill-4.15pm sas-6.45pm – Surmast Direttur Mro. Mario Testa – Sezzjoni Ram.

## Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

- **Nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2009** il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel servizz ta' marċ ġewwa ż-Żejtun fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katarina V.M. il-marċ jibda' fit-8.30pm u jispiċċa fil-11.30pm.
- **Nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju 2009** il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel servizz ta' marċ ġewwa tas-Sliema fl-okkażjoni tal-festa tas-Sacro Cuore. Il-marċ jibda fit-8.30pm u jispiċċa 11.30pm.
- **Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2009** il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel servizz ta' marċ ġewwa Ħal Luqa fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Andrija. Il-marċ jibda fit-8.30pm u jispiċċa fil-11.30pm.
- **Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju 2009** il-Banda Santa Katarina V.M. il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel servizz ta' marċ ġewwa Ħal Kirkop fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp. Il-marċ jibda fid-9.00pm u jispiċċa f' nofs il-lejl.

## IS-SITT SAFRA TAL-BANDA SANTA KATARINA V.M. DIN ID-DARBA MISTEDNIN ĠEWWA L-UNGERIJA.

**Mit-12 ta' Lulju 2009 sad-19 ta' Lulju 2009** il-Banda Santa Katarina V.M. tkun fuq mawra ġewwa Budapest fl-Ungerija. F'din il-mawra il-Banda ser tagħti ħames servizzi. Nieħu l-okkażjoni biex nawgura kull suċċess lill-Banda Santa Katarina V.M. f'din il-mawra hekk importanti fl-istorja glorjuża tagħha.

## Sotto Kumitat tal-Kultura

*- Faustina Sammut*

Huwa ta' sodisfazzjon għalina tas-Sotto Kumitat Kultura naraw il-konkorrenza tagħkom għall-ħarġiet kulturali li aħna norganizzaw għalikom minn żmien għal żmien.

Il-Palazz ta' Wignacourt fir-Rabat u Dar il-Mediterran Għall-Konferenzi fil-Belt kienu żewġ ħarġiet interessanti li ntlaqgħu tajjeb minn dawk li ġew magħna. Żewġ postijiet storiċi li sirna nafu dwarhom, grazzi għaż-żewġ gwidi tajbin li spjegawlna tant tajjeb l-istorja. Daqstant ieħor kienu interessanti s-seba' visti li għamilna nhar Ħamis ix-Xirka fil-Belt Valletta.

L-avveniment tas-sena għalina tas-Sotto Kumitat Kultura huwa t-tieġ Malti ta' l-Imgħoddi, li din is-sena ser isir fit-30 ta' Mejju mis-sitta ta' filgħaxija 'il quddiem. Din is-sena ser ikun hemm xi tibdil fejn ir-rotta ser tibda' bil-ħotba minn quddiem il-Mitħna tax-Xarolla, titkompla għal quddiem il-Kappella ta' San Bert fejn ser isir iż-żwieġ, u tispiċċa f'Misraħ Repubblika fejn nassistu għall-festin tat-Tieġ. Il-Biljetti għall-festin tat-Tieġ jistgħu jinkisbu mill-Membri tas-Sotto Kumitat Kultura u mill-Bar tal-Każin. Kull min ser ikollu biljett ikollu post assigurat bilqiegħda ma' mejda. Din is-sena ser inżidu ukoll diversi attrazzjonijiet tul ir-rotta kollha, għalhekk ser ikun hemm atmosfera mill-isbaħ. Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha li se jieħdu sehem, inħeġġu oħrajn, speċjalment irġiel, biex jiġu u jkunu parti minn dan l-avveniment, li jiġbed lejh ħafna nies minn Malta kollha.
Għandna nkunu kburin li kellu jkun is-Sotto Kumitat Kultura fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. li ta spinta lill-kultura fir-raħal taż-Żurrieq. Grazzi ta' kollox.

**Nhar is-Sibt 16 ta' Mejju 2009, is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti qed torganizza Ikla fil-Bar tal-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. fejn wieħed se jkun jistà jara wkoll il-Eurovision.**
**Wara li jitkantaw id-diski tal-Eurovision, propjament qabel ma jibdew jingħataw il-voti, is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti se tkun qed tippreżenta album ġdid ta' kanzunetti bil-mużika ta' Mark Tonna bl-isem "Fir-Raħal fejn ġejt Mgħammed Jien" fejn se jiġu nterpretati xi kanzunetti minn dan l-album.**
**Biljetti tal-ikla se jkunu jistgħu jinkisbu mill-Bar tal-Każin jew mingħand is-Sinjura Gejta Farrugia.**



# Avvenimenti mportanti - miġbura minn Jeremy Cachia

## 145 SENA – L-EWWEL SOĊJETA' MUŻIKALI FIŻ-ŻURRIEQ. (1864-2009)

*...tkompli mill-ħarġa preċedenti*

Fl-1883, fiż-Żurrieq konna nsibu żewġ baned, u waħda minnhom 'La Filarmonica Mannarino' kienet tieħu sehem fil-Festa Titulari, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ignazio Catania. Fil-Każin għadna nsibu diversi ritratti ta' din il-Banda. Fl-1893 l-elementi taż-żewġ baned reġgħu ingħaqdu f'banda waħda bl-isem 'La Concordia', li tfisser l-Għaqda. Imma ma tantx damet din il-banda, għaliex fl-1900 reġgħet seħħet firda, u c-Circolo Santa Caterina ddelegat lis-surmast Nicola Montebello bħala d-direttur tal-Orkestra Santa KatarinaV.M. Insibu li fl-1907 din l-Orkestra ġiet trasformata għal banda, u kienet iddoqq f'diversi rħula u bliet madwar Malta, b'mod speċjali fil-Festa Titulari taż-Żurrieq. Insibu li ħadet sehem b'mod speċjali meta żżanżnu n-navi l-ġodda tal-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq fl-1907 u fl-1915 meta l-istatwa ta' Santa Katarina V.M. ġiet inawgurata bl-induratura l-ġdida tagħha. Fl-1919, il-Banda Santa Katarina V.M. ħadet sehem fil-funeral tas-Surmast Carmelo Zammit u s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. kienet ħarġet is-santi ta' din it-tifkira....*ikompli*

## 5 SNIN MILL-EWWEL ĠEMELLAĠĠ MUŻIKALI TAL-BANDA SANTA KATARINA V.M. (2004-2009)

Il-Banda Santa Katarina V.M. tgħożż il-memorji ndimentikabbli meta f'Lulju 2004 għamlet l-ewwel ġemellaġġ mużikali fiż-Żurrieq mal-Banda P.P.Mascagni ta' Lucca l-Italja. L-ewwel parti ta' dan il-ġemellaġġ seħħ f'Lulju filwaqt li t-tieni parti tkompla fil-Festa ta' Santa Katarina V.M. hawn fir-raħal tagħna fiż-Żurrieq, meta ġiet iddoqq fostna l-Banda P.P.Mascagni. Din il-5 safra kienet ta' unur kbir għall-Banda Santa Katarina V.M. Imma l-istorja ħa terġa tirrepeti ruħha għaliex f'Lulju ta' din is-sena, jekk Alla jrid, il-Banda tagħna ġiet mistiedna ddoqq ġewwa l-Ungerija. Dan ikompli jżid mal-unuri li tħaddan il-Banda Santa Katarina V.M. Awguri lil din il-Banda għal suċċess kbir ieħor, u li tagħmel unur għaż-Żurrieq u għal Malta barra minn xtutna!

## SAVIOUR CAMILLERI – MUŻIĊIST



SAVIOUR CAMILLERI

Saviour Camilleri (ta' Ċagħkija) twieled iż-Żurrieq fit-23 t'April 1933 u żżewweġ lil Imelda. Hekk kif tidħol fid-dar tiegħu, tinnota li f'kull kamra tara x-xbiehat ta' Santa Katarina V.M. mwaħħla ma' kull ħajt. Saviour qalli li dawk huma memorja ħajja tal-mara tiegħu għax kienet devota kbira ta' Santa Katarina V.M. Ta' 8 snin, missier Saviour beda jieħdu jitgħallem il-vjolin għand is-Surmast Dandu (Mro.Ferdinando Falzon), is-surmast tal-Orkestra Santa Katarina V.M. Imma sfortunatament, Saviour għamel ftit xhur jitgħallem u waqaf. Pero' fl-1944 reġa' beda jitgħallem il-flawt mal-Orkestra għand is-Surmast Deguara, u ħareġ idoqq is-sena ta' wara. Hu jiftakar idoqq f'wieħed mill-kunċerti fejn l-Orkestra Santa Katarina V.M. esegwiet fost l-oħrajn Don Carlos ta' G.Verdi taħt id-direzzjoni ta' Mro.E.Deguara fil-pjazza ewlenija tar-raħal; Misraħ Churchill. Saviour jiftakar ukoll li fl-1946 kien daqq ma' l-Orkestra fil-pussess ta' l-Arċipriet il-ġdid Dun Salv Gauci fis-sala tar-riċevimenti għand l-Arċipriet stess. M'għandix spazju nsemmi l-Orkestranti kollha li semmieli Saviour li kienu jdoqqu miegħu fl-Orkestra Santa Katarina V.M. biss pero' dawn jinsabu msemmijin kollha fil-Ktieb 'Santa Katarina – Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq' f'paġna 315.

Saviour semmieli b'ċertu nostalġija, l-enerġija dinamika li kellu s-Surmast Deguara u kif evolva din l-Orkestra f'Banda. Fl-1947 Saviour beda jdoqq kwartin, u b'ċertu sodisfazzjon jiftakar meta kien daqq bħala solista fis-Sinfonija William Tell ta' G.Rossini fuq il-Planċier fil-Festa Titulari. Tant intgħoġbot u ħarġet tajba li hekk kif niżel minn fuq il-planċier refgħuh fuq l-ispalla mill-planċier sal-bottegin tal-Każin fost il-briju kbir tal-partitarji. Hekk kif daħal is-Surmast Deguara fil-Każin, tefagħlu lira fil-but tal-ġlekk li kien wiegħdu talli għadda l-William Tell b'suċċess kbir, u qallu "Ħa ħudha u ixrob li trid!" "Issa lira ta' dak iż-żmien kienet tiswa mhux ftit," qalli Saviour. Savour reġa' għadda l-William Tell b'suċċess ieħor fil-Belt ta' Noto fi Sqallija meta l-Banda Santa Katarina V.M. kienet siefret f'Awwissu 1954. Hu kien reġa' siefer mal-Banda s-sena ta' wara f'Acireale. Saviour baqa jdoqq bil-kwartin sas-snin sittin. Fis-snin sebgħin Saviour beda jdoqq mal-Banda bil-klarinett u għamel xi żmien ieħor bħala bandist regolari mal-Banda Santa Katarina V.M.

U la qegħdin nitkellmu fuq Saviour, ma nistgħux ma nsemmux ukoll lit-tifel tiegħu s-Sur Josef Camilleri li serva għal 16-il sena f'diversi karigi fil-Kumitat Ċentrali fosthom bħala Segretarju, Viċi President tas-Soċjetà u Chairman tas-Sotto Kumitat tan-Nar. Josef kien strumentali ħafna għat-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti fl-1992, li flimkien mas-Sinjuri Richard Farrugia u Charles Tanti raw it-twelid ta' din is-Sezzjoni. Kienet innovazzjoni ġdida u oriġinali għaż-Żrieraq ta' dak iż-żmien! F'isem il-bord kollu ta' Sancta Catharina Zurricanorum Patrona u s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. nixtieq nirringrazzja lill-familja Camilleri talli b'ħidmithom għamlu ġieħ lill-Banda Santa Katarina V.M. u s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.



**Mro. Francis Falzon - Surmast Ta' Unur**

**Serata Mużiko-Letterarja organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. nhar is-Sibt 9 ta' Mejju 2009 fis-Sala Mro. Espedito Deguara tal-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Kulħadd Mistieden.**

Design & Printing: Tel: 21250994/3